# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Numru: 505/2016**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Anna Spiteri**

Bint Joseph imwielda l-Mosta, fid-19 ta' Gunju, 1959, detentrici tal-karta ta' l-identita' numru 449959(M)

Illum il-31 ta' Jannar 2020.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti Anna Spiteri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) akkuzata talli fil-granet ta' bejn l-1 ta' Gunju 2016 u s-6 ta' Gunju 2016 gewwa dawn il-gzejjer:

1. Ghamlet lil Joseph Vassallo ingurji u jew theddid mhux imsemmija banda ohra fil-Kodici Kriminali jew jekk kienet provokata ingurjat b'mod li harget barra mil-limiti tal-provokazzjoni.

2. U aktar talli permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika ingurjat u/jew heddedt lil Joseph Vassallo bi kliem.

3. U aktar talli ghamlet uzu mhux xieraq b'apparat ta' komunikazzjoni elettronika (mobile).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-24 ta' Ottubru, 2016 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 17 tal-Kodici Kriminali u l-Artikoli 49(a) u (c) tal-Kapitolu 399 ddikjarat lill-imputata hatja tat-tieni u t-tielet imputazzjoni (bit-tielet imputazzjoni konsiderata

bhala mezz ai fini ghat-tieni imputazzjoni) u kkundannatha ghall-hlas ta' multa ta' tlett mitt ewro (€300) filwaqt li lliberatha mill-ewwel imputazzjoni stante li l-azzjoni hija preskritta.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fl-1 ta' Novembru, 2016 fejn tallbet lil Qorti tilqa' dan l-Appell u tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevoka s-sejbien ta' htija tat-tieni u t-tielet imputazzjoni u minn dawn tiddikjarha mhux hatja u tilliberha skond il-ligi u tikkonferma fejn sabitha mhux hatja ta' l-ewwel imputazzjoni minghajr pregudizzju fil-parti tal-piena tigi mposta piena jew sanzjoni ohra li tkun aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

1. Illi l-prosekuzzjoni ma rrnexxiliex tipprova l-akkuzi kif dedotti fil-kawza.

2. Illi l-Qorti fis-sentenza taghha fil-fatt tistrieh fuq dak li WPS 148 stqarret fl-affidavit taghha billi detto del detto tghid x'qalet l-imputata kif hu stabbilit dik hija prova regina u semmai ghandha tigi prova diretta mill-imputata haga li ma saritx.

3. Illi dak li tiddikjara WPS 148 ghandu jkun injorat ukoll billi l-imputata meta giet mitkellma mill-Pulizija din kienet qedgha taht investigazzjoni u imkien ma jidher li inghatat d-drittijiet taghha inkluz caution jew inkellha dritt ta' l-assistenza u konsult legali u b'hekk dan kollu ghandu jigi skartat.

4. Illi bla pregudizzju ghal dak fuq espost, l-esponenti hasset ruhha aggravata mis-sentenza moghtija billi r-reati kif akkuzata bihom ma rrizultax ai termini tal-Kap 399 artiklu 49 (a) u (c) u dan kif jirrizulta mill-provi prodotti u kif ser jirrizulta mit-trattazzjoni tal-appell.

5. Illi bla pregudizzju ghal dak espost fuq, dwar il-piena inflitta, l-esponent thossha aggravata billi din l-piena inflitta hija eccessiva tenut kont in-natura u c-cirkostanzi tal-kaz u li kien hemm diversi pieni u sanzjonijiet ohra li setghu jigu applikati f'dan il-kaz. Bl-akbar rispett ghandu jigi kkonsidrat l-kondotta nadifa tal-esponent.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet il-provi.

Semghet trattazzjoni.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi l-aggravji imqanqla mill-appellanti huma kollha diretti lejn l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti meta tishaq mhux biss illi l-fattispecje tal-kaz ma kenux jinkwadraw rwiehom fl-elementi tar-reati mahsuba fl-artikolu 49 tal-Kapitolu 399, izda ukoll illi l-Ewwel Qorti sejset is-sejbien ta' htija ghat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet migjuba kontra taghha, fuq xiehda fuq kliem haddiehor jew kif inhi ahjar maghrufa fuq *hearsay evidence*.

Izda qabel ma tinoltra ruhha f'ezami ta' dawn l-aggravvji, l-Qorti osservat, wara li ezaminat mill-gdid l-atti tal-kaz u minn qari tas-sentenza appellata, illi tezisti diskrepanza bejn l-artikoli tal-ligi iccitati mill-Ewwel Qorti li fuqha sejset is-sejbien ta' htija ghat-tieni imputazzjoni u l-akkuza hemmhekk ifformulata. Dan ghaliex minn qari tat-tieni akkuza migjuba kontra l-appellanti huwa evidenti illi hija qed tigi mixlija bir-reat imfassal fl-artikolu 49(b) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta li jhares milli jigi uzat apparat cellulari bil-ghan li jsiru ngurji jew theddid fil-konfront ta' terza persuna. Illi l-Ewwel Qorti madanakollu meta giet biex issib htija ghal dina l-imputazzjoni iccitat is-sub-inciz (a) tal-imsemmija disposizzjoni tal-ligi li tissanzjona lil "kull min permezz

ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika jhedded li jagħmel xi reat", akkuza li ma gietx moghtija.

Dan ifisser illi tezisti nullita parzjali tas-sentenza appellata u dan ghaliex ma gewx osservati ir-rekwiziti mehtiega *ad validitatem* fit-termini tal-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali. Il-Qorti ghalhekk hija idejha marbuta u ma tistax hlief tissolleva *ex officio* in-nullita parzjali tad-decizjoni impunjata li taghmel referenza ghal reat mhux indikat fl-akkuza.

Premess dan allura,

> **"ghalkemm ma hemm ebda aggravju dwar dan fir-rikors tal-appell, din il-Qorti "ex officio" ma tistax thalli dan l-izball ghaddej qiesu ma kien xejn u -tikkonferma, tvarja jew tirrevoka sentenza appellata li tkun nulla ghax ticcita Kapitolu tal-ligi (f'dan il-kaz addirittura id-disposizzjoni espressa tal-ligi) zbaljat bi ksur ta' dak li jiddisponi l-artikolu 382 tal-Kap. 9. Dan l-izball jammonta ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali li jwassal ghan-nullita' tas-sentenza appellata w l-Qorti tal-Appell ghandha tannulla w thassar dik is-sentenza w tisma l-kawza mill-gdid fil-mertu. (Ara App. Krim. "Il-Pulizija vs. Joseph Muscat" [10.6.94] , "Il-Pulizija vs. Anthony Zahra " [26.5.94]; "Il-Pulizija vs. Charles Micallef" [23.6.1995] u ohrajn.)"[1]**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tghaddi biex tiddikjara is-sentenza impunjata nulla u bla effett skont il-ligi u bis-setgha moghtija lilha bl-artikolu 428(3) tal-Kodici Kriminali tordna s-smiegh mill-gdid tal-kaz fil-mertu bl-aggravji tal-appellanti jitqiesu bhala sottomissjonijiet in difeza.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius

Deputat Registratur

---

[1] Il-Pulizija vs Christopher Scerri App. Inf. 01/11/2007.